MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru 770/2008

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Cassar)

vs

Arthur Briffa

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identità numru 228346M, akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer bejn is-6 ta’ Frar, 1997 u l-21 ta’ Settembru, 2002, ukoll wara nzul ix-xemx, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku f’ammont ta’ €1,495.46 (elf, erbgha mija u hamsa u disghin Euro u sitta u erbghin centezmu), ekwivalenti ghal

Lm 642 (sitt mija u tnejn u erbghin Lira Maltin) mill-fond Blokk numru 7, Appartament nru. 2, Triq il-Migja tal-Papa, Senglea ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u hin.

2. fl-istess lok, zmien u cirkustanzi, ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tas-servizz elettriku, jew ikkaguna telf ta’ kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku, jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 271, 278(3), 326(c) u 17 tal-Kap 9.

Stante d-dikjarazzjoni li l-akkuzat issalda kull ammont dovut minnu lill-Korporazzjoni evidenzjata wkoll mir-ricevuta apposita li din il-Qorti rat u ivverifikat.

Tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 minghajr kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------